MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

**ĊIRKULARI**

**Data:** **21 t' Ottubru 2020** **Ref: DDLTS 44/2020**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Servizz ta' Appoġġ Nazzjonali tal-eTwinning**

**Suġġett:** **eTwinning Mediterranean Seminar 2020 – Climate Change: Saving our Blue! (MT)**

---

Is-servizz ta ' appoġġ nazzjonali tal-eTwinning Malta jistiednek tattendi Seminar Mediterranju tal-eTwinning għas-sena 2020. Is-seminar din is-sena ser jieħu forma differenti minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19. Għalhekk minflok seminar bħas-soltu se nagħmlu seminar ta' ġurnata onlajn. Is-seminar se jsir fuq il-pjattaforma tal-MS TEAMS nhar is-Sibt 21 ta' Novembru 2020. Se nospitaw għalliema minn diversi pajjiżi Mediterranji.

**L-Udjenza:** Is-Seminar huwa miftuħ għall-edukaturi kollha (inklużi l-LSEs), mill-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u mill-iskejjel indipendenti li huma ġodda għal-eTwinning. L-edukaturi li jixtiequ jitgħallmu aktar dwar l-eTwinning, li jixtiequ jesperjenzaw u jaqsmu l-ideat permezz ta ' kollaborazzjoni ma ' edukaturi minn pajjiżi oħra, u li huma interessati fl-integrazzjoni tal-Litteriżmu Diġitali fil-miri tat-tagħlim tagħhom huma mistiedna jimlew il- applikazzjoni online biex jattendu s-seminar.

**Is-Seminar:** It-tema tas-seminar ta ' din is-sena hija "Climate Change: Saving our Blue!" Għalhekk, il-workshops mhux se jiffokaw biss fuq l-eTwinning bħala pedagoġija innovattiva iżda wkoll fuq l-integrazzjoni tal-Litteriżmu Diġitali u l-eTwinning fl-iskejjel fi ħdan it-tema tat-tibdil fil-klima. Se jkun hemm ukoll attività ta ' networking bejn il-parteċipanti bil-għan li tħeġġeg proġetti kollaborattivi ġodda.

**L-Applikazzjoni u l-Kriterji:** Il-parteċipazzjoni hija permezz ta ' applikazzjoni online fuq il-bażi ta ' min japplika l-ewwel. Il-parteċipanti huma mitlubin jirreġistraw fl-eTwinning u li jkollhom xi idea ta' proġett li jista' jiġi żviluppat u rreġistrat matul is-Seminar.
Edukaturi interessati għandhom jirreġistraw sas- 6 ta' Novembru 2020 hawnhekk: https://bit.ly/3laxytk

Sibu mehmuż il-programm.

Grazzi tal-koperazzjoni tagħkom,

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**




Ċentru għal-Litteriżmu Diġitali (MEDE) | t: 2598 1563/4/5 | e: digital-literacy@ilearn.edu.mt | w: www.education.gov.mt